MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-10 ta' Awwissu, 2009

Avviz Numru. 16/2009

**Joseph u martu Anna Maria Xuereb**

**Vs**

**Joseph Cutajar u martu Antoinette Cutajar**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors prezentat fil-11 ta’ Gunju 2009 l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta’ sebat elef u hames mitt ewro (€7,500) bilanc minn somma akbar ta’ ghaxar elef u hames mitt ewro (€10,500) li kienet giet mislufa brevi manu.

Rat li ghalkemm il-konvenuti gew notifikati baqghu ma deherux u lanqas ipprezentaw risposta.

Semghet ix-xhieda tal-avukat Dr Mario Scerri.

Rat l-iskrittura datata 26 ta' Frar 2009 minn fejn jirrizulta li l-konvenuti obbligaw ruhhom li jhallsu lura s-somma ta' €10,500 permezz ta' pagamenti ta- €3,500 fix-xahar, u cjoe f'Marzu, April u Mejju 2009.

**Peress li jirrizulta li t-talba tal-atturi hi gustifikata, tilqa' t-talba u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' sebat elef u hames mitt ewro (€7,500) bilanc minn somma akbar dovuti ghal self moghti lill-konvenuti. Bl-imghax kif mitlub. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**L-imghax fuq l-ammont ta' kull skadenza ghandu djiddekorri mid-data li fiha saret dovuta kull wahda mit-tlett skadenzi (kif pattwit fl-iskrittura).**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------